TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 33/14/ MS**

**Joseph u Shirley Gauci**

**vs**

**Platinum International (Malta) Ltd.**

Illum 24 ta' Novembru 2014,

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-avviz fl-ismijiet fuq premessi tal-11 ta' Frar 2014, fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni tas-somma ta' elf mija u hamsin Euro (€1,150.00) mhallsa minnhom bhala depozitu akkont, ghal kuntratt ta' btala *'long term holiday product'* mibjugh lilhom mis-socjeta' intimata.

Wara li ha konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' intimata tat-28 ta' Frar 2014, li fiha, is-socjeta' intimata eccepiet li mhijiex il-legittimu kontradittirici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju kif ukoll in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal sabiex jisma dan il-kaz, peress illi ai termini tal-artikolu 19 tal-istess kuntratt, il-partijiet qablu li jirreferu kwalunkwe kwistjoni li ghandha x'taqsam mal-istess kuntratt ghal-Arbitragg taht il-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Eccezzjonij preliminari:**

Illi qabel xejn, it-Tribunal ser jezamina t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intimata rigwardanti l-kompetenza o meno tat-Tribunal biex ikompli jisma l-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Ili l-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali <u>tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il- proċedimenti,</u> u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

Illi minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' Rikors qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil- procedimenti.

Illi fil-kaz in ezami is-socjeta' intimata una volta notifikata bit-talba tar-rikorrenti tal-11 ta' Frar 2014, ipprocediet billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici b'risposta pprezentata fit-28 ta' Frar 2014. Ghalhekk, it-talba ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnha u r-rikorrenti – ossia l-Klawsola numru 19 – ma gietx imressqa mis-socjeta' konvenuta permezz ta' rikors izda fil-forma ta' eccezzjoni preliminari fir-risposta taghha.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 taghti s-socjeta' konvenuta l-opportunita' li qabel tipprezenta t-twegiba taghha tipprezenta rikors biex il-Qorti/ (Tribunal) tissoprasjedi minhabba l-klawsola arbitrali. **Ir-rikors m'huwiex mandatorju,** tant li l-ligi tghid li l-parti fil-procediment *"....tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil- procediment,.....".* Il-kelma "tista" taghti lil dan it-Tribunal x'tifhem li hi fid- diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tipprezenta rikors u titlob is-soprasessjoni.

Illi bhal rikors, it-twegiba/risposta hi wkoll att gudizzjarju. M'ghandux ikun li persuna li trid tinvoka klawzola arbitrali u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, tigi pregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, minflok talbet is-soprasessjoni permezz tar-risposta fejn invokat il-klawzola arbitrali.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal in-normi li ghandhom jiggwidawh fl-esercizzju tal-kompitu tieghu fl-eseuzzjoni tal-gustizzja huwa bla dubju l-ewkita li jfisser l-osservazzjoni onesta u fidila tal-obbligazzjonijiet kontrattwali assunti mill-partijiet. Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, l-fatt li s-socjeta' konvenuta ma ghamlitx 'rikors' u l-eccezzjonijiet nghataw permezz ta' risposta m'ghandiex jippregudika d-dritt taghha li tinvoka l-klawzola arbitrali.

**Ghal dawn il-motivi**

Dan it-Tribunal qieghed jilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata li huwa inkompetenti *ratione materiae* li jkompli jisma' il- kawza u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti li jressqu t-talba taghhom quddiem l-arbitragg kompetenti, bl-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**